C/2026/5529

22.10.2026

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.12623 – ARDIAN / TECHNOLOGY & STRATEGY)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2026/5529)

1. Fit-12 ta' Ottubru 2026, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Ardian Expansion Fund IV B S.L.P u Ardian Expansion Fund IV EIF Parallel S.L.P ("Ardian", Franza), ikkontrollati minn Ardian Holding SAS (Franza),

— Technology & Strategy SAS ("T&S", Franza), ikkontrollata minn Ardian u Cosinhuss SARL (Franza).

Ardian se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' T&S kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' kuntratt, b'mod partikolari permezz ta' emenda għall-ftehim tal-azzjonisti.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Ardian hija kumpanija Franċiża ta' ekwità privata li, permezz tas-sussidjarji tagħha, timmaniġġja u tagħti pariri lil diversi fondi ta' investiment b'ishma diretti jew indiretti f'ħafna kumpaniji operattivi madwar id-dinja,

— T&S huwa grupp ta' konsulenza Ewropew li jispeċjalizza fl-inġinerija, l-IT, is-soluzzjonijiet diġitali u l-ġestjoni tal-proġetti, attiv prinċipalment fil-Belġju, Franza, il-Ġermanja, in-Netherlands, l-Iżvizzera u f'pajjiżi Ewropej oħra.

3. Wara analiżi preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]), għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Dawn il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12623 — ARDIAN / TECHNOLOGY & STRATEGY

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 ("ir-Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.